

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14306/22

AGRI 604
AGRIFIN 128
AGRIORG 116
AGRISTR 80
DELECT 202

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 7613 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 31.10.2022 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7613 final.

Mehmuż: C(2022) 7613 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2022
C(2022) 7613 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 31.10.2022

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1408¹ jemenda r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni² sabiex jippermetti li l-Istati Membri jħallsu avvanzi fir-rigward tal-interventi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi skont il-politika agrikola komuni³.

Skont l-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dak ir-Regolament billi tistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-pagamenti ta' avvanzi biex jiġu żgurati l-koerenza u n-nondiskriminazzjoni.

Sabiex jiġi ggarantit l-użu xieraq tal-avvanzi fir-rigward tal-fondi tal-Unjoni mill-benefiċjarji li jimplementaw l-interventi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-pagamenti ta' avvanzi previsti fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi fil-forma ta' perċentwali massimi tan-nefqa prevista u r-rekwiżit li l-benefiċjarji għandhom jiddepożitaw garanzija. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116⁴ jenħtieġ għaldaqstant jiġi emendat, f'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2021/2116, sabiex jiġu stabbiliti tali kundizzjonijiet speċifiċi u sabiex id-dispożizzjonijiet dwar il-garanziji jiġu adattati kif xieraq.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-pagamenti ta' għajjnuna skont il-programmi tal-apikultura stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli⁵, ir-regoli attwali dwar l-event operattiv għar-rata tal-kambju ma jibqgħux japplikaw fi tmiem l-2022. F'għieħ il-kontinwità, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/127 jiġi emendat sabiex tinżamm bħala event operattiv id-data tal-1 ta' Jannar tas-sena meta jsir il-pagament.

L-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2022/127 jirreferi b'mod żbaljat għall-Artikolu 27, filwaqt li minflok jenħtieġ li jirreferi għall-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li r-referenza tiġi kkoreġuta.

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1408 tas-16 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pagamenti tal-avvanzi għal ċerti interventi u miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 216, 19.8.2022, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT DELEGAT

Il-konsultazzjonijiet, li fihom ħadu sehem esperti minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, twettqu fil-Grupp ta' Esperti stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/2116, b'mod partikolari, waqt il-laqgħat tal-15 ta' Frar, tat-22 ta' Marzu u tat-13 ta' Settembru 2022. Dawn il-laqgħat taw l-opportunità biex jiġu ppreżentati l-ideat tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-att delegat u dwar l-emendi pjanati għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127, u taw l-opportunità wkoll li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet mal-esperti. Wara l-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika ta' erba' ġimgħat, il-Kummissjoni rċeviet tliet osservazzjonijiet minn partijiet interessati u ċittadini. Peress li dawn l-osservazzjonijiet huma marbuta jew ma' mistoqsijiet ta' interpretazzjoni legali, ma' kwistjonijiet li diġà ġew solvuti fl-att legali propost, inkella ma' kwistjonijiet mhux koperti bit-test legali, l-att delegat jibqa' għalhekk mhux mibdul.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 billi jdaħħal kapitolu addizzjonali għal dak ir-Regolament sabiex jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-avvanzi imsemmija fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116 u jadatta d-dispożizzjonijiet dwar il-garanziji stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' dak ir-Regolament. L-att delegat ikompli jemenda r-Regolament (UE) 2022/127 sabiex jinżamm l-event operattiv attwali għall-programmi tal-apikultura u biex tiġi kkoreġuta kontroreferenza żbaljata.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 31.10.2022

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 64(3), il-punt (d), u l-Artikolu 94(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127² jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu avvanzi lill-benefiċjarji fir-rigward tal-interventi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u fir-rigward ta' miżuri li jirregolaw jew jappoġġaw is-swieq agrikoli. Sabiex jiġi żgurat pagament koerenti u mhux diskriminatorju tal-avvanzi u biex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-fondi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi għall-pagamenti ta' avvanzi fil-forma ta' perċentwali massimi tan-nefqa prevista u r-rekwiżit għall-benefiċjarji li jiddepożitaw garanzija.
- (3) Barra minn hekk, jenħteġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-garanziji stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jiġu adattati biex iqisu dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi.
- (4) Fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, ir-referenza għall-Artikolu 27 mhijiex korretta u jenħteġ li tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament.
- (5) Għall-pagamenti ta' għajnuna skont il-programmi tal-apikultura li jsiru skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-

¹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Kunsill⁴, jixraq li tiġi żgurata l-kontinwità billi jinżamm l-event operattiv attwalment applikabbli għar-rata tal-kambju.

- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2022/127

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/127 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal il-Kapitolu IIIa li ġej:

“KAPITOLU IIIa

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-pagamenti ta’ avvanzi

Artikolu 15a

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-pagamenti ta’ avvanzi msemija fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116

1. Il-pagamenti ta’ avvanzi msemija fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116 ma għandux jaqbeż 80 % tan-nefqa prevista tal-programm operazzjonali approvat jew, fejn rilevanti, tal-interventi msemija fl-Artikoli 55 u 58 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2. Il-pagamenti ta’ avvanzi msemija fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għad-depożitu ta’ garanzija li mill-anqas tkun ekwivalenti tal-ammont tal-avvanz.”;

- (2) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b’li ġej:

“*Artikolu 27*

Kamp ta’ applikazzjoni

Din it-Taqsima għandha tapplika f’każijiet fejn regoli speċifiċi tal-Unjoni jipprevedu li somma tista’ tiġi avvanzata qabel ma jkun ġie ssodisfat l-obbligu stabbilit biex tinkiseb kwalunkwe għajjnuna jew vantaġġ.”;

- (3) fl-Artikolu 28, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-applikazzjonijiet għar-rilaxx tal-garanzija relatata mal-pagamenti ta’ avvanzi għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumenti ta’ sostenn li jagħtu prova tal-intitolament finali għas-somma mogħtija jew li s-somma mogħtija, flimkien ma’ kwalunkwe żieda prevista fir-regoli speċifiċi tal-Unjoni, tkun tħallset lura.”;

- (4) jiddaħħal l-Artikolu 31a li ġej:

“*Artikolu 31a*

Programmi tal-apikultura

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Għall-ammonti mħallsa bħala għajnuna minn programmi tal-apikultura skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-event operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Jannar tas-sena meta jsir il-pagament.”.

Artikolu 2

Korrezzjoni għar-Regolament Delegat (UE) 2022/127

Fl-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, l-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 4 huwa sostitwit b'li ġej:

“4. Jekk obbligu jitwettaq fil-ħin, u l-preżentazzjoni tal-prova ta' twettiq tkun soġġetta għal limitu ta' żmien fiss, il-garanzija li tkopri dak l-obbligu għandha titnaqqas għal kull jum kalendarju li jaqbeż dak il-limitu ta' żmien skont il-formula $0,2/\text{limitu}$ ta' żmien f'jiem stabbiliti u filwaqt li jitqies l-Artikolu 26.”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31.10.2022

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN